Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru 422/2015AE wara l-ittra ufficjali numru 1368/2015 fl-ismijiet:-

**Sliema Wanderers Football Club**

**Vs**

**Etienne Barbara**

L-Erbgha, 2 ta' Dicembru 2015.

Fis-7 ta' Mejju 2015 Etienne Barbara (**rikorrent**) ipprezenta rikors ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' kambjala datata 25 ta' Marzu 2010 fl-ammont ta' €11,650[1], ghar-raguni li:-

i. Il-klabb intimat ma segwiex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;
ii. Estinzjoni tal-obbligazzjoni;

Il-klabb intimat wiegeb:

1. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 trid dejjem issir qabel isir dak li jipprovdi l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.
2. Fil-meritu t-talba hi nfondata ghaliex Steve Abela, li kien ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' President tal-Klabb, ma kellu l-ebda awtorita li jirrinunzja ghall-kreditu.

Jirrizulta li:-

i. Fit-28 ta' Gunju 2008 il-partijiet iffirmaw skrittura privata (fol. 52) li permezz taghha ftehemu li jekk fi zmien 3 snin mid-data tal-kuntratt ir-rikorrent jigi registrat ma' klabb Malti, obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €23,200.
ii. Fis-sena 2010 ir-rikorrenti issieheb mal-klabb tal-Hibernians F.C. Ghaldaqstant il-klabb intimat ippretenda li s-somma ta' €23,200 saret dovuta.
iii. Fit-28 ta' Jannar 2011 il-partijiet iffirmaw skrittura privata (fol. 43) sabiex ir-rikorrent jilghab ghal klabb intimat.
iv. Fil-15 ta' April 2015 il-klabb intimata pprezenta ittra ufficjali kontra r-rikorrent li permezz taghha nterprellah ihallas is-somma ta' €11,650, import ta' kambjala li mmaturat fl-1 ta' Novembru 2010.

[1] Procedura kontemplata fl-Artikolu 253(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Il-kambjala hi titolu ezekuttiv (Artikolu 253 tal-Kap. 12). Wara l-gheluq ta' tliet snin minn meta tista' tigi ezegwita, l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' ssir wara talba maghmula b'rikors (Artikolu 258 tal-Kap. 12). Fil-kaz in ezami l-kambjala setghet tigi ezegwita mill-1 ta' Novembru 2010[2]. Ghalhekk b'effett mit-2 ta' Novembru 2013 l-esekuzzjoni setghet issir biss wara rikors li jsir skond l-[3]Artikolu 258 tal-Kap. 12. Procedura li l-klabb intimat ma segwiex. L-ittra ufficjali prezentata fil-15 ta' April 2015 m'hijiex rilevanti ghaliex dik issir meta t-titolu ezekuttiv ikun ezegwibbli. F'dan il-kaz gialadarba fid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali it-titolu ezekuttiv ma kienx ezegwibbli minhabba li kienu ghaddew tliet snin minn meta setat giet ezegwita u l-kreditur m'ghamilx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 258, l-ittra ufficjali tal-15 ta' April 2015 ma kellha l-ebda effett ghal finijiet ta' ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.

2. Fir-rigward tal-meritu, hu minnu li mill-provi li tressqu ma jezistux minuti ta' laqghat tal-kumitat tal-klabb li jikkonfermaw li kienet ittiehdet decizjoni li jinhafer id-dejn li r-rikorrent kellu mal-klabb. Fis-6 ta' April 2011 ir-rikorrent gie *released* mill-klabb intimat. Fil-fatt giet iffirmata Form JF tal-Malta Football Association fejn il-klabb iddikjara:

   *"The undersigned in the name of the Committee of the Sliema Wanders Football Club* ***do hereby release unconditionally the under-mentioned player from <u>any obligaton</u> he has with the above-mentioned Club****, and grant him permission to register and play, with any other Club"* (enfazi tal-qorti, fol. 50).

   M'hemmx kontestazzjoni li dan id-dokument gie ffirmat mill-ufficjali li skond l-Istatut tal-klabb huma awtorizzati li jirraprezentawh[4]. Id-dikjarazzjoni li saret mill-klabb tas-Sliema taghti x'tifhem li l-klabb ma kellux iktar pretensjonijiet kontra r-rikorrent. Ghalkemm sar l-argument li l-formola hi *standard form* u ssir ghal finijiet ta' registrazzjoni mal-Malta Football Associaton, il-qorti hi tal-fehma li gialadarba fil-formola hemm dikjarazzjoni espressa u cara li r-rikorrent gie rilaxxat minn kull obbligazzjoni lejn il-klabb, ir-rikorrent ghandu raguni gravi u valida sabiex jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjala. Dikjarazzjoni li fir-realta' tikkorabora dak li xehed Steve Abela. Dan abbinat mal-fatt li wara li giet iffirmata d-dikjarazzjoni kien biss erba' snin wara li l-klabb intimat ressaq il-pretensjoni fil-konfront ta' Barbara. Cirkostanza li fiha nnifisha tkompli

[2] Data meta mmaturat il-kambjala.
[3] L-ittra ufficjali tigi pprezentata ghal finijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12.
[4] Ara regolament 72 tal-Istatut (fol. 67).

ssahhah il-fehma tal-qorti. Hu minnu li l-kambjala originali baqghet fil-pussess tal-klabb intimat, madankollu din m'hijiex xi prova certa li d-dejn ghadu jezisti.

**Ghaldaqstant, il-qorti:-**

1. **Tiddikjara li r-rikorrent ressaq ragunijiet gravi u validi sabiex jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjala;**
2. **Tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala tal-25 ta' Marzu 2010 ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija u hamsin ewro (€11,650).**

**Spejjez a karigu tal-klabb intimat**.

Anthony Ellul.